

# Intietef Mostin

J.J. CAMILLERI B.A., M.A., A.I.E. (Lond.)

### *Anniversarji*

395 sena ilu: il-Mosta saret parroċċa (16 ta' Settembru 1608).
375 sena ilu: twaqqfet il-Fratellanza tar-Rużarju fil-Mosta.
350 sena ilu: inbniet il-kappella tal-Kunċizzjoni.
345 sena ilu: Bernard Agius ħalla l-flus għall-bini tal-kappella ta' San Anard.
325 sena ilu: Dun Karl Schembri spiċċa minn Kappillan tal-Mosta.
325 sena ilu: tlesta l-kwadru ta' l-Assunta li tqiegħed fil-knisja parrokkjali l-qadima.
245 sena ilu: miet il-Kappillan Dun Ġwann Anġ Sammut u floku sar Dun Salvu Pace.
220 sena ilu: inġabet fil-Mosta r-relikwa ta' San Paċifiku.
205 snin ilu: ġie Malta Napuljun Bonaparti.
205 snin ilu: twaqqfet il-muniċipalità ta' Naxxar-Mosta-Gargur. It-Tobba Franġisk Falzon u Tumas Chetcuti kienu r-rappreżentanti Mostin.
205 snin ilu: Dott. Ġanni Pullicino kien il-kap tal-Battaljun Mosti.
190 sena ilu: il-Mosta ntlaqtet bil-pesta.
190 sena ilu: il-Gvern kien jonfoq £572 fis-sena għall-edukazzjoni.
170 sena ilu: miet il-Kappillan Dun Feliċ Calleja.
170 sena ilu: tqiegħdet l-ewwel ġebla tar-Rotunda fit-30 ta' Mejju.
170 sena ilu: laħaq Kappillan Dun Ġamri Schembri.
165 sena ilu: it-Tabib Tumas Chetcuti ħa f'idejh it-tmexxija ta' l-isptar tal-moħħ.
165 sena ilu: infetħet skola primarja f'Ħal Lija fejn setgħu jattendu tfal mill-Mosta.
145 sena ilu: l-iskejjel fil-Mosta kienu djar mikrijin £5 fis-sena.
145 sena ilu: infetaħ it-testment ta' Dun Ġamri Schembri li wera li kien ħalla ġidu kollu għall-bini tar-Rotunda.
140 sena ilu: miet it-Tabib Tumas Chetcuti.
140 sena ilu: l-Isqof Gaetano Pace Forno bierek il-qanpiena fustanija.
135 sena ilu: Salvu Dimech lesta l-istatwa ta' l-Assunta.
125 sena ilu: inbniet il-Fortizza tal-Mosta.
115-il sena ilu: saret petizzjoni mill-Mostin biex tinfetaħ skola ta' bil-lejl.
115-il sena ilu: twieled Walter Salamone.
113-il sena ilu: twieled Dun Karm Schembri.
110 snin ilu: twieled Dun Karm Sciberras.
105 snin ilu: il-Mosta saret matriċi meta l-Imġarr infired u sar parroċċa.
105 snin ilu: twieled E.B. Vella.
105 snin ilu: sar il-baldakkin.
90 sena ilu: Ġużeppi Calì lesta l-pittura tat-tmien lunetti.
90 sena ilu: f'April sar fil-Mosta l-Kungress Ewkaristiku.
85 sena ilu: inħatar Kappillan Dun Salv Muscat.
75 sena ilu: tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù.
75 sena ilu: sar l-armar mal-koppla tar-Rotunda.
75 sena ilu: is-Sorijiet Agostinjani fetħu fil-Mosta l-kunvent tagħhom.
75 sena ilu: Dr. Wyndham Grech xtara l-post fejn hemm il-Każin Santa Marija.
70 sena ilu: taret il-kamra tan-nar u miet wieħed.
65 sena ilu: tlesta l-grawnd tal-futbol ta' l-Għowba.
65 sena ilu: f'Ta' Qali niżlu l-ewwel ajruplani tal-passiġġieri.
60 sena ilu: Dun Karm Schembri sar Arċipriet tal-Mosta.
55 sena ilu: l-Arċipriet Dun Pawlin Galea ddeċida li jħassar il-pittura ta' Ġużeppi Briffa.
50 sena ilu: 3,711-il Mosti kellhom dritt li jivvutaw fl-Elezzjoni Ġenerali.
45 sena ilu: taret il-kamra tan-nar u mietu tnejn.
35 sena ilu: saret l-ewwel purċissjoni fil-Mosta bil-Bambin mill-membri tal-M.U.S.E.U.M.
20 sena ilu: sewwieq sfronda l-bieb tar-Rotunda u baqa' dieħel fil-knisja bil-karozza b'kollox.



**Monument li jfakkar lill-Kappillan Dun Feliċ Calleja fir-Rotunda**



**L-Oratorju "Qalb ta' Ġesù"**